Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,073, 17 ta' Diċembru, 1982
Taqsima B

A.L. 70 ta' l-1982

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1982 dwar Trab tal-Ħasil li ma Jagħmilx Rawa

(Ordni Nru. M 10 ta' l-1982)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), u skond dak l-artikolu, il-Bord ta' Standards ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar Trab tal-Ħasil li ma Jagħmilx Rawa u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M 10 ta' l-1982.

1.2. Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 ġurnata mill-ġurnata li fiha jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Għan.

2.1. Dan l-ordni japplika biss għal trabijiet tal-ħasil li għandhom il-karatteristiċi li ma jagħmlux ħafna rawa sabiex ma jiddisturbawx il-proċess tal-ħasil f'makni tal-ħasil awtomatiċi.

Komposizzjoni ta' trab tal-ħasil ma jagħmilx rawa.

3.1. Ebda trab tal-ħasil ma jista' jiġi mportat, maħdum, mibjugħ jew offert għall-bejgħ kemm-il darba dan ma jkollux il-komposizzjoni li ġejja, espress fuq bażi xotta:

3.1.1. il-materjal attiv totali nkluż il-kontenut ta' sapun ma jkunx inqas minn 14%;

3.1.2. il-kontenut tas-sapun ma jkunx iżjed minn 5%;

3.1.3. il-kontenut ta' fosfati ma jkunx inqas minn 18% espress bħala P_2O_5;

3.1.4. is-siliku tas-sodju ma jkunx inqas minn 4% espress bħala *anhydrous sodium silicate* Na_2SiO_3;

3.1.5. it-trab tal-ħasil ma jkunx fih inqas minn 15% ta' xi *Per-Salts* bħala aġent li jbajjad;

3.1.6. l-aġent *antiredeposition* ma jkunx inqas minn 0.5%; u

3.1.7. *Optical brightener* għandu jkun preżenti.

3.2. L-użu ta' perborati huwa pprojbit.

4.1. Għandu jintuża reċipjent li ma tgħaddix l-umdità minnu. Ippakkjar.

Tikkettjar.

5.1. Kull reċipjent ta' trab tal-ħasil li ma jagħmilx rawa għandu juri bi stampa ċara u li tinqara tajjeb it-tagħrif li ġej:

5.1.1. il-fatt li r-reċipjent ikun fih trab tal-ħasil li ma jagħmilx rawa għal makni tal-ħasil awtomatiċi;

5.1.2. il-piż nett tal-kontenut f'unitajiet metriċi;

5.1.3. l-isem tal-marka jew *trade mark,* jew

5.1.4. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

5.1.5. meta l-isem tal-marka ma jitniżżilx f'lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrja l-anqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetajiet Industrjali, l-isem u l-indirizz tal-manifattur ikun obbligatorju li jitniżżel fit-tikketta.

Data tal-manifattura.

6.1. Id-data tal-manifattura u/jew in-numru tal-*batch* għandhom jitniżżlu jew fuq il-pakketti jew fuq il-kaxxa siġillata li jkun fiha l-pakketti.

Analiżi.

7.1. Il-metodi ta' analiżi ndikati għal dan id-diterġent huma dawk pubblikati bħalissa mill-British Standard Institute f'B.S. 3762:1964.